MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Numru 1352/2012

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Ayrton Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 167096m, akkuzat talli nhar it-23 ta' Dicembru 2012 ghal habta tat-3.45p.m gewwa Triq il-Hafur kantuniera ma' Triq ix-Xarolla, Attard:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq fuq il-koppja Omar u Theresa konjugi Camilleri, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravate bil-vjolenza u bil-mezz ghad-detriment ta' l-istess koppja Camilleri;

2. bil-hsieb li jarresta lil Omar u Therese konjugi Camilleri u liz-zewg uliedhom minuri, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, ttanta jarresta lill-istess persuni billi wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' l-istess arrest, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
3. fil-waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnhu hemm citati bghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika dwar htija jew nuqqas taghha fl-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta rapport ta' certu Omar Camilleri li kien irrapporta lill-pulizija li waqt li kien miexi flimkien ma' martu u zewg uliedu zghar f'Triq il-Hanfur, Attard, lejn ir-residenza tieghu, persuna mghammda ippuntat arma lejh u intimalu sabiex itieh il-flus jew inkella jisparalu. Din il-persuna rrisultat fl-imputat, tfajjel ta'16 il-sena.

L-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu, sostna fuq l-attentat ta' serq bi vjolenza, l-attentat ta' arrest, zamma jew sekwestru ta' persuna u l-pussess ta' arma tan-nar waqt l-ghemil ta' reat.

Il-Qorti mhiex tal-fehma li tiddilunga f'esposizzjoni tax-xhieda fuq l-akkuza ta' attentat ta' serq u l-pussess ta'arma stante li ghandu jirrisulta wisq car mill-provi li l-imputazzjonijiet rigwardanti dawna mhux sostenibbli. Hi dibattibbli invece l-imputazzjoni taht l-Artikolu 86 tal-Kap 9. L-artikolu in disamina juza l-espresjonijiet "arrest", "zamma u "sekwestru" li mhumiex espressjonijiet sinonimi u kull wahda minnhomn tindika mod specifiku li bih wiehed jista' jattakka l-liberta' tal-persuna peress li kull wahda minn dawn l-espressjonijiet tista' tissussisti separatament u indipendentement mill-ohrajn biex b'hekk jigi ikkonkretizzat r-reat in disamina (vide noti tal-Professur Mamo). Fil-kaz in meritu hija l-espressjoni "mizmuma" li tassumi rilevanza u dana stante li hu pruvat u mhux kontestat li l-imputat spavaldament (anka jekk intiza bhala cajta) waqqaf lill-kwerelanti billi ippuntalu haga li l-kwerelant hasibha arma tan-nar (li ma kien xejn hlief telefon cellulari) u stqarlu l-kliem "tini il-flus ghax nisparalek". Fil-fehma tal-Qorti dan hu bizzejjed biex jikkostitwixxi r-reat in parola anka jekk l-Artikolu 339((i) tal-Kap 9 kien forsi jaghmel aktar ghall-kaz.

Fil-waqt ghalhekk li ma sibx l-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza u minnhom tilliberah, ssibu hati tat-tieni fuq l-iskorta ta' l-artikolu 86 tal-Kap 9. Rat l-istess, ikkonsidrat kemm l-eta' minorenni tal-imputat (Artikolu 37 tal-Kap 9), l-fedina penali netta tieghu, u l-attenwanti generici pertinenti. Tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' xahar mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------